



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-30 ta' Settembru 2021

Skambju akbar ta' *data* jkun jgħin il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti

Il-Europol, l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Parti minn dan ir-rwol jinvolveja li hija sservi ta' hub għall-iskambju ta' informazzjoni. Madankollu, il-Europol tiffaċċja sfidi kontinwi biex tikseb aċċess għall-bażijiet ta' *data* kriminali rilevanti kollha, u biex tagħmel użu sħiħ mis-sorsi esterni ta' informazzjoni. Din hija l-konklużjoni ta' rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) li jsejjaħ għal titjib fil-mod li bih jaħdem l-iskambju ta' *data*, partikolarment biex tinkiseb interoperabbiltà sħiħa bejn il-bażijiet ta' *data*.

"Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ħolqot sfida kbira umanitarja u ta' sigurtà għall-UE fi snin reċenti," qalet Bettina Jakobsen, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Il-Europol hija sieħeb apprezzat għall-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bħala hub ta' skambju ta' informazzjoni, il-Europol jeħtieġ li jkollha aċċess għal u tuża b'mod sistematiku s-sorsi ta' data rilevanti kollha, iżda attwalment dan mhuwiex il-każ. Aħna nittamaw li l-awditu tagħna jinfluwenza r-rieżaminar li għaddej tar-Regolament tal-Europol.

Il-Europol tistma li madwar 90 % ta' dawkl li jaqsmu l-fruntieri tal-UE b'mod irregolari huma assistiti minn faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti, li huma fil-biċċa l-kbira gruppi kriminali involuti wkoll f'oqsma oħra ta' kriminalità, bħall-frodi tad-dokumenti jew it-traffikar tal-bnedmin. Madankollu, l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Europol isservi bħala hub ta' skambju ta' informazzjoni u ta' koordinazzjoni. Il-valur ta' dan is-servizz jiddependi fil-biċċa l-kbira minn kemm

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

ikun attiv l-iskambju ta' informazzjoni mal-Europol mis-sħab tagħha stess. L-awdituri josservaw livelli ta' impenn li jvarjaw fost l-Istati Membri, u xi kultant *data* mhux kompleta.

Il-Europol kienet affettwata minn problemi fin-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi prijoritarji mhux tal-UE biex tikseb aċċess għal *data* operazzjonali minn investigazzjonijiet kriminali fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Hija ma setgħetx tiġbor u tanalizza direttament informazzjoni minn partijiet privati biex twettaq il-kompiti tagħha, u ma tagħmilx użu sistematiku, jew ma tagħmel l-ebda użu ta' xejn minn, sorsi esterni ta' *data* bħas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u r-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR). Il-Europol kellha wkoll problemi fl-iskambju ta' *data* ma' aġenziji oħra tal-UE. L-awdituri jirrakkomandaw b'mod partikolari li l-Europol issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Frontex permezz ta' skambju reċiproku ta' *data*, u mal-Eurojust permezz ta' aċċess indirett għall-bażi ta' *data*. Fl-aħħar nett, l-użu ta' proċessi innovattivi tal-IT, bħall-estrazzjoni ta' *data* u l-intelliġenza artifiċjali, għall-ipproċessar tad-*data* u l-iskambju bejn is-sħab jkun jgħin ukoll. Sa issa, il-Europol ma użat l-ebda waħda minn dawn l-għodod. Tiġdid ipplanat tal-infrastruttura kumplessiva tal-IT tagħha se jipprovdi opportunità biex dan isir.

F'termini ta' prestazzjoni, l-awdituri josservaw li s-sħab tal-Europol japprezzaw l-appoġġ strateġiku u operazzjonali li hija tipprovdi, iżda ma hemmx kejl kumplessiv tar-riżultati tal-Europol f'termini tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Xi proċeduri mhumiex suffiċjentement strutturati wkoll; pereżempju l-prijoritizzazzjoni ta' kriterji għall-allokazzjoni ta' riżorsi fejn dawn huma l-aktar meħtieġa.

Informazzjoni ġenerali

Il-leġiżlazzjoni prinċipali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija d-“Direttiva ta' Faċilitazzjoni”; madankollu, kull Stat Membru juża d-definizzjoni tiegħu stess ta' x'jikkostitwixxi faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Il-Europol ma għandhiex setgħat eżekuttivi u ma tistax tarresta kriminali.

Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2021: “*L-appoġġ tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti: sieħeb apprezzat, iżda b' użu insuffiċjenti ta' sorsi ta' data u kejl tar-riżultati*” huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Reċentement, il-QEA ħarġet rapporti dwar il-[kooperazzjoni rigward ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi](#) u dwar il-[prestazzjoni tal-Frontex](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502